



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' April 2020
(OR. en)

7315/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0054(COD)

CODEC 272
FSTR 29
REGIO 53
FC 27
SOC 207
PECHE 96
CADREFIN 72
AGRISTR 25
PE 10

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u r-Regolament (UE) Nru 1301/2013 rigward miżuri speċifiċi biex tingħata flessibbiltà eċċezzjonali għall-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej b'reazzjoni għat-tifqigħa tal-COVID-19 - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Brussell, 16-17 ta' April 2020)

I. INTRODUZZJONI

Fit-8 ta' April 2020, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma li jekk il-Parlament Ewropew japprova l-proposta tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq mingħajr emendi, il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

Wara li l-plenarja approvat it-talba tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (REGI) biex jipproċedi skont l-Artikolu 163 (proċedura urġenti) fis-16 ta' April 2020, ir-rapporteur, Younous OMARJEE (GUE-NGL, FR), sussegwentement ippreżenta rapport fisem il-kumitat imsemmi, bil-għan li jinkorpora l-proposta tal-Kummissjoni.

Barra minn hekk, il-grupp politiku tax-Xellug Magħqud Ewropew/Xellug Aħdar Nordiku (GUE-NGL) ressaq tliet emendi (l-emendi numru 1-3).

II. VOTAZZJONI

Il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-17 ta' April 2020 bl-inkorporazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni. Din il-pożizzjoni tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu. Ma adottax l-emendi 1 sa 3.

Għalhekk, il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument, u b'hekk jagħlaq l-ewwel qari għaż-żewġ Istituzzjonijiet.

L-att leġislattiv imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

Miżuri speċifiċi biex tingħata flessibbiltà eċċezzjonali għall-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej b'reazzjoni għat-tifqigħa ta' COVID-19
*****I**

Risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' April 2020 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u r-Regolament (UE) Nru 1301/2013 rigward miżuri speċifiċi biex tingħata flessibbiltà eċċezzjonali għall-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej b'reazzjoni għat-tifqigħa tal-COVID-19 (COM(2020)0138 – C9-0095/2020 – 2020/0054(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2020)0138),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 177 u 178 u l-punt (a) tal-Artikolu 322(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0095/2020),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri tal-14 ta' April 2020¹,
 - wara li kkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,
 - wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Regġuni,
 - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-8 ta' April 2020, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 163 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-17 ta' April 2020 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2020/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013 u (UE) Nru 1303/2013 rigward miżuri speċifiċi biex tingħata flessibbiltà eċċezzjonali għall-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej b'reazzjoni għat-tifqigħa ta' COVID-19

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 177, 178 u l-punt (a) tal-Artikolu 322(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri²,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Regġuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja³,

² Opinjoni tal-14 ta' April 2020 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

³ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' April 2020.

Billi:

- (1) L-Istati Membri ġew affettwati mill-konsegwenzi tal-kriżi tat-tifqigħa ta' COVID-19 b'mod bla preċedent. Il-kriżi tas-saħħa pubblika attwali tfixxkel it-tkabbir fl-Istati Membri, li min-naħa tiegħu jiggrava n-nuqqas serju ta' likwidità minħabba ż-żieda f'daqqa u sinifikanti fl-investimenti pubbliċi meħtieġa fis-sistemi tal-kura tas-saħħa tagħhom u f'setturi oħra tal-ekonomiji tagħhom. Dak ħoloq sitwazzjoni eċċezzjonali li jeħtieġ li tiġi indirizzata b'miżuri speċifiċi.
- (2) Sabiex jirreaġixxu għall-impatt tal-kriżi tas-saħħa pubblika, ir-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013⁴ u (UE) Nru 1303/2013⁵ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill diġà ġew emendati, permezz tar-Regolament (UE) 2020/460 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶, biex jipprevedu aktar flessibbiltà fl-implimentazzjoni tal-programmi appoġġati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (il-“FEŻR”), il-Fond Soċjali Ewropew (il-“FSE”) u l-Fond ta' Koeżjoni (b'mod kollettiv “il-Fondi”) u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (il-“FEMS”). Sabiex jikkontribwixxi għal reazzjoni effettiva għall-kriżi tas-saħħa pubblika attwali, l-ambitu tal-appoġġ mill-FEŻR ġie estiż b'mod konsiderevoli.

⁴ Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investiment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 289).

⁵ Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

⁶ Regolament (UE) 2020/460 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 508/2014 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jiġu mmobilizzati investimenti fis-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-Istati Membri u f'setturi oħra tal-ekonomiji tagħhom b'reazzjoni għat-tifqigħa COVID- 19 (Inizjattiva ta' Investiment b'Reazzjoni għall-Coronavirus (ĠU L 99, 31.3.2020, p. 5).

- (3) Madankollu, l-effetti negattivi serji fuq l-ekonomiji u s-soċjetajiet tal-Unjoni qed isiru agħar. Għaldaqstant, huwa neċessarju li tiġi prevista flessibbiltà addizzjonali eċċezzjonali għall-Istati Membri biex ikunu jistgħu jirreaġixxu għal din il-kriżi tas-saħħa pubblika bla preċedent billi tittejjeb il-possibbiltà li jiġi mobilizzat l-appoġġ kollu mhux utilizzat mill-Fondi.
- (4) Bil-ħsieb li jitnaqqas il-piż minn fuq il-baġits pubbliċi li qed jirreaġixxu għall-kriżi tas-saħħa pubblika, jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà eċċezzjonali li jitolbu li, għall-programmi ta' politika ta' koeżjoni, tiġi applikata rata ta' kofinanzjament ta' 100 %, għas-sena ta' kontabbiltà 2020-2021, f'konformità mal-appropriazzjonijiet tal-baġit u soġġetta għall-fondi disponibbli. Abbażi ta' valutazzjoni tal-applikazzjoni ta' dik ir-rata ta' kofinanzjament eċċezzjonali, il-Kummissjoni tista' tipproponi estensjoni ta' din il-miżura.

- (5) Sabiex l-Istati Membri jingħataw flessibbiltà addizzjonali biex jirriallokaw ir-riżorsi bil-ħsieb li jingħata rispons imfassal apposta għall-kriżi tas-saħħa pubblika, jenħtiegħ li jiġu introdotti jew imtejba l-possibbiltajiet għal trasferimenti finanzjarji taħt l-Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi bejn l-FEŻR, il-FSE u l-Fond ta' Koeżjoni. Barra minn hekk, jenħtiegħ li l-possibbiltajiet ta' trasferiment bejn il-kategoriji ta' reġjuni wkoll jiżdiedu b'mod eċċezzjonali għall-Istati Membri minħabba l-impatt mifrux tal-kriżi tas-saħħa pubblika, filwaqt li jiġu rispettati l-oġettivi tat-Trattat għall-politika ta' koeżjoni. Jenħtiegħ li tali trasferimenti ma jaffettwawx ir-riżorsi taħt il-mira ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea, l-allokazzjonijiet addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi, l-appoġġ għall-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażaġħ (YEI) jew il-Fond għal Għajjuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn.
- (6) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw ir-riżorsi disponibbli biex jirreaġixxu għat-tifqigħa ta' COVID-19 u filwaqt li jitqies li, minħabba l-istadju avanzat tal-implimentazzjoni tal-perijodu ta' programmazzjoni 2014–2020, ir-riallokazzjoni tar-riżorsi tista' tikkonċerna biss ir-riżorsi disponibbli għall-programmazzjoni għas-sena 2020, huwa ġġustifikat li l-Istati Membri jiġu eżentati fuq bażi eċċezzjonali mill-ħtieġa li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika għal bqija tal-perijodu ta' programmazzjoni.

- (7) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkonċentraw fuq ir-reazzjoni neċessarja għat-tifqigħa ta' COVID-19 u biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, jenħtieġ li jiġu ssimplifikati ċerti rekwiżiti proċedurali marbuta mal-implimentazzjoni u l-awditi tal-programmi. B'mod partikulari, jenħtieġ li l-Ftehimiet ta' Sħubija ma jibqgħux jiġu emendati għall-bqija tal-perijodu ta' programmazzjoni, la biex jirriflettu l-bidliet preċedenti fil-programmi operazzjonali u lanqas biex jintroduċu bidliet oħra. Jenħtieġ li jiġu posposti l-iskadenzi għas-sottomissjoni tar-rapporti annwali ta' implimentazzjoni għas-sena 2019 u għat-trażmissjoni tas-sommarju ta' rapport tal-Kummissjoni bbażat fuq dawk ir-rapporti annwali ta' implimentazzjoni. Rigward il-Fondi u l-FEMS, jenħtieġ ukoll li jiġi previst b'mod espliċitu li tingħata possibbiltà estiża biex l-awtoritajiet tal-awditjar jużaw metodu mhux statistiku ta' teħid ta' kampjuni fir-rigward tas-sena ta' kontabbiltà 2019-2020.
- (8) Huwa xieraq li jiġi speċifikat li jenħtieġ li l-eliġibbiltà tan-nefqa tkun eċċezzjonalment permessa għall-operazzjonijiet kompluti jew implimentati bis-shihli jrawmu l-kapaċitajiet ta' reazzjoni għall-kriżijiet fil-kuntest tat-tifqigħa ta' COVID-19. Jenħtieġ li jkun possibli li tali operazzjonijiet jintgħażlu anke qabel ma l-Kummissjoni tapprova l-emenda neċessarja għall-programmi. Jenħtieġ li jiġi pprovduti arranġamenti speċifiċi għall-invokazzjoni tat-tifqigħa ta' COVID-19 bħala raġuni ta' forza maġġuri fil-kuntest tad-diżimpenn.
- (9) Sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u d-dewmien fl-implimentazzjoni fejn it-tibdil fl-istrumenti finanzjarji huwa neċessarju biex tiġi prevista reazzjoni effettiva għal kriżi tas-saħħa pubblika, jenħtieġ li għal bqija tal-perijoduta' programmazzjoni, ma jkunux meħtieġa aktar ir-rieżami u l-aġġornament tal-valutazzjoni *ex ante* u l-pjanijiet aġġornati ta' direzzjoni tan-negozju jew dokumenti ekwivalenti, bħala parti mid-dokumenti ta' prova li juru li l-appoġġ li ngħata ntuża għall-iskop maħsub tiegħu. Jenħtieġ li jiġi estiżi l-possibbiltajiet għall-appoġġ għall-kapital operatorju permezz tal-istrumenti finanzjarji taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR).

- (10) Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu użu sħiħ mill-appoġġ mill-Fondi umill-FEMS, jenħtieġ li tingħata flessibilità addizzjonali għall-kalkolu tal-pagament tal-bilanċ finali fi tmiem il-perijodu ta' programmazzjoni.
- (11) Sabiex jiġu ffaċilitati t-trasferimenti awtorizzati skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-kundizzjoni stipulata fil-punt (f) tal-Artikolu 30(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ rigward l-użu tal-appropriazzjonijiet għall-istess objettiv ma tapplikax fir-rigward ta' trasferimenti proposti skont dan ir-Regolament.
- (12) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn l-approċċ meħud skont il-Qafas Temporanju għal miżuri ta' għajjuna mill-Istat biex jingħata appoġġ lill-ekonomija matul it-tifqigħa attwali tal-COVID-19 u l-għajjuna *de minimis*, minn naħa waħda, u l-kundizzjonijiet biex jingħata appoġġ lill-impriżi f'diffikultà skont il-FEŻR, min-naħa l-oħra, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 1301/2013 jiġi emendat biex jippermetti li daww l-impriżi jingħataw appoġġ f'daww iċ-ċirkustanzi speċifiċi.

⁷ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

- (13) Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jkun hemm reazzjoni għall-impatt tal-kriżi tas-saħħa pubblika billi jiġu introdotti miżuri ta' flessibilità fil-qasam tal-ġoti ta' appoġġ mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi ESI"), ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni proposta, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ('TUE'). F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju biex jintlaħqu dawk l-objettivi.

- (14) Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni relatata mat-tifqigħa ta' COVID-19, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (5) Minħabba t-tifqigħa ta' COVID-19 u l-bżonn urġenti li tiġi ndirizzata l-kriżi tas-saħħa pubblika assoċjata magħha u l-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tagħha, tqies li huwa xieraq li tiġi prevista eċċezzjoni għall-perijodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-TUE, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (16) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013 u (UE) Nru 1303/2013 jiġu emendati skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda għar-Regolament (UE) Nru 1301/2013

Fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) Nru 1301/2013, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(d) impriżi f'diffikultà kif definiti fir-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat; l-impriżi li jirċievu appoġġ li jikkonforma mal-Qafas Temporanju għar-regoli tal-għajnuna mill-Istat* jew mar-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013**, (UE) Nru 1408/2013*** u (UE) Nru 717/2014**** ma għandhomx jitqiesu bħala impriżi f'diffikultà għall-finijiet ta' dan il-punt;

* ĠU C 91 I, 20.3.2020, p. 1.

** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 1).

*** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* fis-settur tal-agrikoltura (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 9).

**** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura (ĠU L 190, 28.6.2014, p. 45).”.

Artikolu 2

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1303/2013

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 huwa emendat kif ġej:

- (1) fit-Tieni Parti, fit-Titolu II, jiżdiedil-Kapitolu li ġej:

“KAPITOLU V

Miżuri eċċezzjonali għall-użu tal-Fondi ESI b'reazzjoni għat-tifqigħa ta' COVID-19

Artikolu 25a

Miżuri eċċezzjonali għall-użu tal-Fondi ESI b'reazzjoni għat-tifqigħa ta' COVID-19

1. B'deroga mill-Artikolu 60(1) u l-ewwel u r-raba' subparagrafi tal-Artikolu 120(3), fuq talba ta' Stat Membru, tista' tiġi applikata rata ta' kofinanzjament ta' 100 % għan-nefqa ddikjarata fl-applikazzjonijiet għal pagament matul is-sena ta' kontabbiltà li tibda fl-1 ta' Lulju 2020 u li tintemm fit-30 ta' Ġunju 2021, għal ass ta' prijorità wieħed jew aktar fi programm appoġġat mill-FEŻR, mill-FSE jew mill-Fond ta' Koeżjoni.

It-talbiet għal modifika tar-rata ta' kofinanzjament għandha tiġi ppreżentata f'konformità mal-proċedura għall-emenda ta' programmi stipulata fl-Artikolu 30 u għandha tkun akkumpanjata mill-programm(i) rivedut(i). Ir-rata ta' kofinanzjament ta' 100 % għandha tapplika biss jekk l-emenda rilevanti tal-programm operazzjonali jiġi approvat mill-Kummissjoni qabel il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni finali għal pagament interim f'konformità mal-Artikolu 135(2i).

Qabel ma tiġi preżentata l-ewwel applikazzjoni għal pagament għas-sena ta' kontabbiltà li tibda fl-1 ta' Lulju 2021, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw it-tabella msemmija fil-punt (d)(ii) tal-Artikolu 96(2), u jikkonfermaw ir-rata ta' kofinanzjament li kienet applikabbli matul is-sena ta' kontabbiltà li tintemm fit-30 ta' Ġunju 2020 għall-prijoritajiet ikkonċernati miż-żieda temporanja għal 100 %.

2. B'reazzjoni għat-tifqigħa ta' COVID-19, fuq talba ta' Stat Membru, ir-riżorsi disponibbli għall-ipprogrammar għas-sena 2020 għall-Investment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi jistgħu jiġu trasferiti bejn il-FEŻR, il-FSE u l-Fond ta' Koeżjoni, huma x'inhuma l-persentaġġi msemmija fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 92(1).

Għall-fini ta' dawk it-trasferimenti, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 92(4) ma għandhomx japplikaw.

It-trasferimenti ma għandhomx jaffettwaw ir-riżorsi allokatu għall-YEI f'konformità mal-Artikolu 92(5) jew għall-għajnuna għal dawk l-aktar fil-bżonn taħt l-Investment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi f'konformità mal-Artikolu 92(7).

Ir-riżorsi trasferiti bejn il-FEŻR, il-FSE u l-Fond ta' Koeżjoni taħt dan il-paragrafu għandhom jiġu implimentati f'konformità mar-regoli tal-Fond li fih jiġu trasferiti r-riżorsi.

3. B'deroga mill-Artikolu 93(1) u flimkien mal-possibbiltà prevista fl-Artikolu 93(2), fuq talba ta' Stat Membru, ir-riżorsi disponibbli għall-ipprogrammar għas-sena 2020 jistgħu jiġu trasferiti bejn il-kategoriji ta' reġjuni b'reazzjoni għat-tifqigħa ta' COVID-19.
4. It-talbiet għal trasferimenti skont il-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu ppreżentati f'konformità mal-proċedura għall-emenda ta' programmi stipulata fl-Artikolu 30, għandhom ikunu debitament ġustifikati u għandhom ikunu akkumpanjati mill-programm(i) rivedut(i) li jidentifika(w) l-ammonti trasferiti għal kull Fond u għal kull kategorija ta' reġjuni, fejn dan ikun rilevanti.

5. B'deroga mill-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament u mir-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi, l-allokazzjonijiet finanzjarji stipulatiftalbiet ippreżentati għal emendi ta' programmi jew fit-trasferimenti notifikati skont l-Artikolu 30(5) ta' dan ir-Regolament, fi jew wara ... [ĠU: id-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] , ma għandhomx ikunu soġġetti għar-rekwiżiti dwar konċentrazzjoni tematika stipulati f'dan ir-Regolament jew fir-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi.
6. B'deroga mil-Artikolu 16, minn ...[ĠU: id-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], il-Ftehimiet ta' Sħubija ma għandhomx jiġu emendati u l-emendi ta' programmi ma għandhomx jinkludu l-emenda tal-Ftehimiet ta' Sħubija.
- B'deroga mill-Artikoli 26(1), 27(1), 30(1) u 30(2), minn ... [ĠU: id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] il-konsistenza tal-programmi u tal-implimentazzjoni tagħhom mal-Ftehim ta' Sħubija ma għandhiex tiġi verifikata.
7. Għall-operazzjonijiet li jrawmu l-kapaċitajiet ta' reazzjoni għall-kriżijiet fil-kuntatt-tifqigħa ta' COVID-19 kif imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 65(10), l-Artikolu 65(6) ma għandux japplika.
- B'deroga mill-punt (b) tal-Artikolu 125(3), dawn l-operazzjonijiet jistgħu jintgħażlu għal appoġġ mill-FEŻR jew mill-FSE qabel l-approvazzjoni tal-programm emendat.
8. Għall-finijiet tal-punt (b) tal-Artikolu 87(1), fejn it-tifqigħa ta' COVID-19 tiġi invokata bħala raġuni ta' forza maġġuri, informazzjoni dwar l-ammonti li għalihom ma kienx possibbli li ssir applikazzjoni ta' pagament għandha tingħata fuq livell aggregat għal kull prijorità għall-operazzjonijiet li n-nefqa eliġibbli totali tagħhom tkun inqas minn EUR 1 000 000.

9. Ir-rapport annwali ta' implimentazzjoni tal-programm imsemmi fl-Artikolu 50(1) għas-sena 2019 għandu jiġi ppreżentat sat-30 ta' Settembru 2020 għall-Fondi ESI kollha, b'deroga mill-iskadenzi stipulati fir-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi. It-trażmissjoni fl-2020 tas-sommarju ta' rapport li għandu jkun imħejji mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 53(1), jista' jiġi pospost skont dan.
10. B'deroga mill-punt (g) tal-Artikolu 37(2), ma għandu jiġi rikjest l-ebda rieżami jew aġġornament tal-valutazzjonijiet *ex ante* fejn ikunu meħtieġa bidliet fl-istrumenti finanzjarji biex ikun hemm reazzjoni effettiva għat-tifqigħa ta' COVID-19.
11. Meta l-istrumenti finanzjarji jagħtu appoġġ fil-forma ta' kapital operattiv lill-SMEs skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 37(4) ta' dan ir-Regolament, ma għandhomx ikunu rikjesti pjanijiet ta' direzzjoni tan-negozju, jew dokumenti ekwivalenti, u evidenza li tippermetti l-verifika li l-appoġġ li jkun ngħata permezz tal-istrumenti finanzjarji jkun intuża għall-iskop maħsub tiegħu bħala parti mid-dokumenti ta' prova.

B'deroga mir-Regolament (UE) Nru 1305/2013, dan l-appoġġ jista' jingħata wkoll mill-FAEŻR skont miżuri msemmija fir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u li huma rilevanti għall-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji. Din in-nefqa eliġibbli ma għandhiex taqbeż EUR 200 000.

12. Għall-finijiet tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 127(1), it-tifqigħa ta' COVID-19 għandha tikkostitwixxi każ debitament ġustifikat li l-awtoritajiet tal-awditjar jistgħu jinvokaw, abbażi tal-ġudizzju professjonali tagħhom, biex jużaw metodu mhux statistiku ta' teħid ta' kampjuni għas-sena ta' kontabbiltà li tibda fl-1 ta' Lulju 2019 u li tintemm fit-30 ta' Ġunju 2020.
13. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-punt (f) tal-Artikolu 30(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, il-kundizzjoni li l-approprijazzjonijiet ikunu għall-istess objettiv ma għandhiex tapplika fir-rigward tat-trasferimenti skont il-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.

* Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).”;

(2) fl-Artikolu 130, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“3. B’deroga mill-paragrafu 2, il-kontribuzzjoni mill-Fondi jew il-FEMS permezz ta’ pagamenti tal-bilanċ finali għal kull prijorità għal kull Fond u għal kull kategorija ta’ reġjuni fl-aħħar sena ta’ kontabbiltà ma għandhiex taqbeż, b’aktar minn 10 %, il-kontribuzzjoni mill-Fondi jew il-FEMS għal kull prijorità għal kull Fond u għal kull kategorija ta’ reġjuni kif stipulat fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm operazzjonali.

Il-kontribuzzjoni mill-Fondi jew il-FEMS permezz ta’ pagamenti tal-bilanċ finali fl-aħħar sena ta’ kontabbiltà ma għandhiex taqbeż in-nefqa pubblika eliġibbli ddikjarata jew il-kontribuzzjoni minn kull Fond u kategorija ta’ reġjuni għal kull programm operazzjonali kif stipulat fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm operazzjonali, skont liema ammont ikun l-inqas.”.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President
